

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-6 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Korkein oikeus – il-Finlandja) – proċeduri kriminali kontra A

(Kawża C-35/20) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – Artikolu 21 TFUE – Direttiva 2004/38/KE – Artikoli 4 u 5 – Obbligu li wieħed ikollu karta tal-identità jew passaport – Regolament (KE) Nru 562/2006 (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) – Anness VI – Qsim tal-fruntiera marittima ta' Stat Membru fuq dgħajsa ta' rikreazzjoni – Reġim ta' sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta' moviment bejn Stati Membri mingħajr karta tal-identità jew passaport – Reġim kriminali ta' multi ta' kuljum – Kalkolu tal-multa abbażi tad-dħul fix-xahar medju tal-awtur tar-reat – Proporzjonalità – Severità tal-piena fir-rigward tal-ksur)

(2021/C 490/06)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

A

fil-preżenza ta': Syyttäjä

Dispożittiv

- 1) Id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' moviment liberu previst fl-Artikolu 21 TFUE u speċifikat mid-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, għandu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet dwar il-qsim tal-fruntieri stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha Stat Membru jobbliga, taħt piena ta' sanzjonijiet kriminali, liċ-ċittadini tiegħu li jkollhom fuqhom karta tal-identità valida jew passaport validu meta huma jivvjaġġaw, irrispettivament mill-mezz ta' trasport jew mir-rotta, lejn Stat Membru ieħor, sakemm il-modalitajiet ta' dawn is-sanzjonijiet ikunu konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk ta' proporzjonalità u nondiskriminazzjoni.
- 2) Id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' moviment liberu previst fl-Artikolu 21 TFUE għandu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet dwar il-qsim tal-fruntieri stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 562/2006, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013, jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha Stat Membru jobbliga, taħt piena ta' sanzjonijiet kriminali, liċ-ċittadini tiegħu li jkollhom fuqhom karta tal-identità valida jew passaport validu meta jidħlu fit-territorju tiegħu minn Stat Membru ieħor, sakemm dan l-obbligu ma jikkundizzjonax id-dritt tad-dħul u sakemm il-modalitajiet tas-sanzjonijiet previsti fil-każ ta' ksur tal-imsemmi obbligu jkunu konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk ta' proporzjonalità u ta' diskriminazzjoni. Vjaġġ lejn l-Istat Membru kkonċernat minn Stat Membru ieħor imwettaq fuq dgħajsa ta' rikreazzjoni u bil-qsim taż-żona marittima internazzjonali huwa inkluż, taħt il-kundizzjonijiet previsti fit-tieni paragrafu tal-punt 3.2.5 tal-Anness VI ta' dan ir-regolament, fost il-każijiet li fihom tista' tintalab il-preżentazzjoni ta' tali dokument.
- 3) L-Artikolu 21(1) TFUE u l-Artikoli 4 u 36 tad-Direttiva 2004/38, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu reġim ta' sanzjonijiet kriminali li permezz tiegħu Stat Membru jirrendi l-qsim tal-fruntiera nazzjonali tiegħu mingħajr karta tal-identità valida jew passaport validu punibbli b'multa li tista', b'mod indikattiv, tammonta għal 20 % tad-dħul nett fix-xahar tal-awtur tar-reat, peress li tali multa ma hijiex proporzjonata mal-gravità ta' dan il-ksur, li huwa ta' natura minuri.

⁽¹⁾ ĠU C 103, 30.03.2020.